# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha t-28 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 54/01/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c., kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurata taghha Catherine Castillo u l-istess Catherine Castillo.**

**vs**

**Joseph Ciantar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 24 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejjhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

**1. Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-5 ta' Marzu 2000 gewwa B'Kara meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru DAQ 193 minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru Nru. JAD 378 proprjeta' ta' Catherine Castillo u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

**2. Ilikwidati d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' LM245.20,0 u dana in kwantu ghas-somma ta' mitejn u erba' Liri Maltin u ghoxrin centezmu (LM204.20,0) mis-socjeta' attrici assikuratrici u dawk tal-attrici l-ohra Catherine Castillo fis-somma ta' hamsin Lira Maltin (LM50.00,0) jew somma ohra verjuri bl-opera ta' periti nominandi;**

**3. Ikkundanant ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

**4. Bl-ispejjes komprisi dawk tal-konsult (LM15.00,0), ta' Ittra Ufficjali tad-19 ta' Mejju 2000 u ta' Ittra Ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**